**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 07/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 21/06/2012 fis-6.50pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Skużat minħabba xogħol |
| | Darmanin Richard | Skużat minħabba xogħol |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Skużat minħabba attivita' tal-Kunsill |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mit-8.30pm |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

Is-Sindku f'ismu u f'isem il-Kunsilliera feraħ lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ewwel wild tiegħu.

**1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti 06/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 06.2.2 | Wara il-kelma 'tieqaf' tidħol il-kelma 'ukoll' u wara l-kliem 'karozzi tal-linja' jidħlu l-kliem 'rotta 84'. | | |
| | 06.2.7 | Minflok il-'Ħadd 20 ta' Mejju',id-data tiġi taqra s-Sibt 19 ta' Mejju. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**07. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | 06.2.4 | Viċi-Sindku: Awtorita' tad-Djar - Xogħlijiet fil-komun | Is-Sindku spjega li l-Awtorita' tad-Djar għadha ma tat l-ebda risposta sabiex is-sistema fuq ix-xogħlijiet fuq il-komun f'Qasam Ta Ganza tibqa' taħdem bħax-xogħlijiet li saru fil-blokki f'Qasam Ħal Tmiem. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 2 | 06.2.6 | Sindku: Triq Nikol Attard | Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lir-residenti ta' Triq Nikol Attard bil-proposta ta' l-esperti ta' TM sabiex it-triq tingħalaq għall-karozzi minħabba d-djuq minn Triq Bugħarbiel li hu ferm perikoluż għall-pedestrians. | Segretarjat |
| 07. 2. 3 | 06.2.8 | Hales: Bankijiet | Hales ippropona sabiex isiru żewġ bankijiet bil-mejda magħhom. | |
| 07. 2. 4 | 06.3.4 | Sindku: Panelli Informattivi | Is-Sindku talab sabiex isir kuntatt mal-Perit Ruben Abela għall-kwotazzjoni ta' pannelli informattivi dwar l-istorja ta' l-għasir taż-żejt. | Segretarjat |
| 07. 2. 5 | 06.3.7 | Viċi-Sindku: Reserved Parking quddiem l-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali | Il-Viċi-Sindku talbet kopja ta' l-ittra mibgħuta mid-Dipt tas-Sigurta' Soċjali u rrimarkat li din trid tgħaddi mill-proċess ta' TM. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 6 | 06.5.1 | Segretarjat: Solar Water Heater | Is-Segretarjat għamel kuntatt ma' -l-applikanti tal-kwotazzjonijiet u dawn ikkonfermaw li l-prezzijiet li tefgħu fil-kwotazzjoni jinkludu l-eco tax. Nagħżlu l-aktar vantaġġjuża. | |
| 07. 2. 7 | 06.6.1 | Segretarjat: Bills of Quantities | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-perita tal-Kunsill għadha ma lestitx il-BOQu issa ser tkun fuq vacation leave għal ħmistax. Dan qed joħloq dewmien sabiex jiġu sottomessi dokumenti necessarji quddiem id-DLG u nieħdu fondi lura. Il-Kunsill ser jieħu passi peress li ma jistax jibqa' jaħdem hekk. | |
| 07. 2. 8 | 06.8.9 | Hales: Garmed Project | Hales informa lill-Kunsill li ser ikollna żjarat aktar frekwenti, bħal dik li kellna, b'konnessjoni mal-proġett Garmed. | |
| 07. 2. 9 | 06.8.11 | Viċi-Sindku: Active Ageing | Il-Viċi-Sindku spjegat lill-Kunsill attivita' li ser tittella' bejn żewġ ġenerazzjonijiet: it-tfal u l-anzjani u bejn tliet entitajiet: l-iSkola Primarja A (Year 3), il-Kunsill Lokali Ż ejtu u d-Dar ta' l-Anzjani. Nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju fl-10.30am ġewwa id-Dar ta' l-Anzjani ser issir il-launching tal-proġett 'Tfal Jadottaw Anzjan'. Tul dan il-programm ser isiru powerpoint presentation mit-tfal lill-anzjani dwar internet, facebook, etc filwaqt li l-anzjani ser itellgħu powerpoint presentation dwar il-ħajja fl-antik. Tul din l-attivita' ser isir tisjir mill-anzjani għat-tfal, kant u zfin mit-tfal għall-anzjani. Il-progamm jagħlaq b'quddiesa ġewwa ż Żejtun Home. L-Onor Mario Galea informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi minħabba xogħol tal-Parlament. | Viċi-Sindku |

**07. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 1 | 01 | MEPA: PA01257/12 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan il-permess jinsab f'żona sensittiva tal-village core u għaldaqstant għandha tingħata attenzjoni speċjali għal dan l-iżvilupp.** | Sindku |
| 07. 3. 2 | 06 | DLG: Memo 25/2012 Kontroll fuq il-firxa tal-bumunqar l-aħmar | Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex jiġbor l-ispiża li saret sabiex tiġi kontrollata il-firxa tal-bumunqar l-aħmar. | Hales |
| 07. 3. 3 | 07 | DLG: Memo 26/2012 Car Free Day 2012 | Is-Sindku inkariga lill-Kunsilliera Wille Piscopo sabiex issegwi din il-korrispondenza. | Wille Piscopo |
| 07. 3. 4 | 12 | TM: Bini ta' toroq residenzjali | Is-Sindku spjega li Triq it-Tagħlim u Misraħ Mikiel Anton Vassalli ilhom mill-2008 imwegħda li dawn ser isirilhom il-wiċċ tat-triq iżda s'issa għadhom ma sarux. Skont TM ser isiru sa l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena. | Sindku |
| 07. 3. 5 | 17 | MEPA: Jogging Track | Is-Segretarjat ser jibgħat konferma li l-Kunsill Lokali Żejtun għandu l-fondi neċessarji biex issir il-jogging track flimkien mal-fondi tal-UIF. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 6 | 18 | Caroline Crutchley: Attivita' fi Ġnien San Girgor | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku issegwi l-korrispondenza. | Viċi-Sindku |
| 07. 3. 7 | | Għaqda Mużikali Beland: Attivita' Żejt iż-Żejtun | L-Għaqda Mużikali Beland talbet lill-Kunsill sabiex tieħu sehem attiv fl-attivita' żejt iż-żejtun. Is-Sindku spjega li tliet snin ilu kienet intbagħtet korrispondenza minn l-istess għaqda fejn din talbet lill-Kunsill sabiex ma tissemmix f'din l-attivita'. Is-Segretarjat ser ifittex din il-korrispondenza u din tiġi ppreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill sabiex isir konfront taż-żewġ ittri filwaqt li s-Sindku jitkellem mas-Segretarju Anton Aquilina sabiex ikollna aktar informazzjoni. | Sindku |

**07. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 07/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 i | 39 | Minflok 'amount deposited' jidħlu il-kliem 'amount paid by partecipants'. | | |
| 07. 4. 2 ii | 12, 14 | Dawn iz-zewġ kunsillieri tnaqqsilhom l-ammont hekk kif maħruġ fil-Management Letter mill-Awditur b'rabta għall-attendenza tal-laqgħat li saru tul is-sena 2011. | | |
| | 13 | Dan il-kunsillier sarlu tnaqqis b'rabta ma' l-attendenza tal-laqgħat tal-Kunsill tul din is-sena (01/12-06/12) | | |
| 07. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 07/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 07. 4. 4 | | Petty Cash - Mejju 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq għax-xahar ta' Mejju li kien jammonta għal €215.85.** | Segretarjat |

**07. 5. Tender PKGSA & NUR**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5. 1 | | Hales: Tender 03/12: Parks, Gardens, Soft Areas | **Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew sottomessi t-tliet offerti li daħlu għal din is-sejħa fejn il-prezz kien ivarja minn €36,000 għal €50,000. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Hales, il-Kunsill qabel li jagħżel l-orħos offerta ta' Wilson Mifsud għall-prezz ta' €36,000 fis-sena għal 4 snin li ġejjin mill-1 ta' Awwissu 2012.** | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5. 2 | | Hales: Tender 04/12: Non Urban Roads | Għal din is-sejħa intefgħu ħames offerti li l-prezz kien ivarja minn €11,544 għal €16,000. Wara li l-Kunsill evalwa l-offerti li ntefgħu għal din it-tender, Joe Hales qal li skont id-dokumenti ta' l-offerti sottomessi, l-iktar offerta vantaġġjuża għall-Kunsill hija dik ta' Wilson Mifsud. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta għall-prezz ta' €12,650 fis-sena għall-4 snin li ġejjin. L-aktar tnejn bl-anqas ammont M. Mazzitelli €11,544 iżda nieqsa mill-inġenji u nies u L&B Clean € ´ b'esperjenza biss f'tindif fi stabbilimenti. | Hales |

**07. 6. Miżura 313 - Triq Strejnu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku rrapporta l-progress fuq Triq Strejnu Gal Xlokk proġett 313. | Sindku |

**07. 7. Programmi tas-Sajf**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 7. 1 | | Applikazzjonijiet għall-korsijiet | B'dispjaċir il-Kunsill jinnota li ma tantx kellu konkorrenza għall-korsijiet tal-crafts u ta' l-għawm filwaqt li dawk tal-kompjuter u ta' l-istory telling kellhom rispons tajjeb. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li Skola Sajf jista' jkun li tagħmel differenza peress li t-tfal ser iħallsu €12 għal sajf sħiħ minn Tnejn sa' Ġimgħa. | Viċi-Sindku Fenech Camilleri |
| 07. 7. 2 | | Viċi-Sindku: Attivita' Ragusa | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' għal ġurnata Ragusa intlaqgħet tajjeb għax applikaw 30 parteċipant. | Viċi-Sindku |

**07. 8. Misraħ Indipendenza**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku spjega li issa x-xogħol fuq Misraħ Indipendenza kważi tlesta u jidher li ntlaqa' tajjeb min-nies. Barra minn hekk irduppjajna l-posti tal-monti u 40 parking space. | |

**07. 9. Sala tal-Kunsill**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 9. 1 | | Sindku: Refurbishemnt Sala tal-Kunsill | Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku sabiex is-sala tal-Kunsill tinbidel għal sala xierqa għall-Kunsill fosthom ser isir it-tibdil tal-madum fuq stil antik. | Sindku |

07. 10. Affarijiet Oħra jekk meqjusa

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 10. 1 | | Sindku: Applikazzjoni Zejtun Corinthians Youth Nursery | Il-Kunsill irċieva applikazzjoni mingħand is-Segretarju taż-Żejtun Corinthians Youth Nursery sabiex itellgħu attiva' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju fil-parking area tal-Knisja ta' San Girgor. Ġie ikkuntattjat l-Arċipriet ħalli jiġi assigurat li t-tiġien li ser isiru f'dawn iż żewġ dati ma jkunux mfixxkla. Il-Kunsill ħareġ il-permess għall-attivita' bil-kundizzjonijiet hekk kif moqrija. | Sindku |
| 07. 10. 2 | | Hales: Sejħiet għall-offerti Street Sweeping, Public Convenience | **Il-Kunsill approva li f'Awwissu ta' din is-sena jinħarġu sejħiet għall-offerti għal tindif ta' toroq urbani u manutenzjoni u zamma ta' latrini pubbliċi. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex f'nofs Lulju issir talba bil-miktub lill-Cleansing Services Department għat-tiġdid tal-istess kuntratti.** | Hales |
| 07. 10. 3 | | Hales: Ħaddiem ta' l-IPSL | **Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Hales sabiex issir talba quddiem l-IPSL ħalli l-impjegat Joseph Saliba jiġi sekondat mal-Kunsill Lokali Żejtun.** | Segretarjat |
| 07. 10. 4 | | Viċi-Sindku: Attivita' 'Il-Festa Magħna' | Il-Viċi-Sindku staqsiet għaliex il-youths@local ma ħadux sehem fl-attivita' 'Il-Festa Magħna'. Fenech rrispondiet li l-invit għall-laqgħa li kienet ser issir rigward l-istess attivita' irċevewh dak inhar tal-laqgħa. | Viċi-Sindku |
| 07. 10. 5 | | Fenech: Attivita' 27/06/2012 | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat ta' l-isports jorganizza ħarġa għall-pixxina f'M'Skala bejn it-3 u l-10pm fis-27 ta' Ġunju.** | Fenech |
| 07. 10. 6 | | Hales: Bozza ġdida | **Il-Kunsill laqa' it-talba tal-Kunsillier Hales sabiex issir replacement ta' bozza fi Triq San Klement bejn in-numru 50 u 76.** | Sindku |
| 07. 10. 7 | | Hales: Spralli | **Il-Kunsill qabel li għandhom jingħalqu l-ispralli ta' Misrah Carlo Diacono u Triq il-Kbira.** | Hales |
| 07. 10. 8 | | Hales: Spralli Imkissrin | Hales ġibed l-attenzjoni dwar spralli imkisser fi Triq San Klement quddiem bieb nru. 76 u ieħor quddiem il-Posta. | Sindku |
| 07. 10. 9 | | Hales: No parking fi Triq Salvatur | **Il-Kunsill qabel li jikkunsidra li Triq is-Salvatur mal-ġenb tal-Knisja issir no parking.** | Sindku |
| 07. 10. 10 | | Hales: Website tal-Kunsill | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex il-website tal-Kunsill tkun iktar user friendly. | Segretarjat |
| 07. 10. 11 | | Fenech: Aerobics | Fenech infurmat lill-Kunsill lil-korsijiet ta' l-aerobics għadhom għaddejin. Il-Kunsill ingħata statistika ta' kemm nies ħadu sehem f'dan il-programm. | Fenech |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 10. 12 | Pace: Traffic Lights Tal Barrani | Pace staqsa jekk it-timings tat-traffic lights f'Tal Barrani inbidilx. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | |
| 07. 10. 13 | Hales: Overspeeding fi Triq Toni Zahra | **Il-Kunsill qabel li jikteb lis-Superintendent dwar l-overspeeding li qed isir fil-lokalita' speċjalment fi Triq Toni Zahra.** | Segretarjat |
| 07. 10. 14 | Wille Piscopo: Bini ta' toroq mill-ġdid | Il-Kunsill laqa' it-talba tal-Kunsilliera Wille Piscopo sabiex Triq l-Arċipriet Degabriele tiddaħħal fil-lista ta' toroq li għandhom bżonn isiru mill-ġdid minħabba ħsarat kawżati mid-devjazzjoni li kienet saret minn TM. | Segretarjat |
| 07. 10. 15 | Fenech: Ħanut Maltco | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar applikazzjoni ta' gaming shop, MaltCo li qatt ma ġiet quddiem il-Kunsill. | |
| 07. 10. 16 | Wille Piscopo: Skart | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lir-residenti ta' Triq san Porfirju, Triq Kantur, Triq Beland (il-parti ta' fuq) dwar skart li qed jitfgħu fil-kantuniera ta' Triq Delimara. Fenech ġibdet l-attenzjoni li l-istess ksur qed isir fi Triq l-Għannejja.** | Segretarjat |
| 07. 10. 17 | Viċi-Sindku: Zebra Crossing | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir follow up ta' talba għal zebra crossing fi Triq il-Labour. Din it-talba ġiet milqugħa. | |
| 07. 10. 18 | Viċi-Sindku: Użu ta' Ġnien San Girgor | **Il-Kunsill qabel li għandu jistabilixxi r-rata ta' €250 sabiex isir użu ta' Ġnien San Girgor mill-privat.** | |
| 07. 10. 19 | Viċi-Sindku: Refreshing ta' żebgħa | **Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir refreshing ta' żebgħa safra ~~ta' Triq Ġala~~ Bir Żejtun Home. Il-Kunsill qabel.** | |
| 07. 10. 20 | Viċi-Sindku: Korrispondenza Arriva | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk intbagħtitx il-korrispondenza lill-kumpanija Arriva sabiex ir-residenti ta' Dar Nazarett igawdu minn benefiċċji li qed toffri l-istess kumpanija. Is-Segretarjat wieġeb li din ser tintbagħat fil-jiem li ġejjin. | Segretarjat |
| 07. 10. 21 | Viċi-Sindku: Guidelines dwar bankini | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-laqgħa li għaliha attendiet dwar guidelines għal bini ta' bankini. | |
| 07. 10. 22 | Viċi-Sindku: Attivita 'Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għal min irid jieħu sehem fl-attivita' Żejt iż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 07. 10. 23 | Sindku: Youth Empowerment Centre & Youth Worker | Is-Sindku irraporta dwar issue li qam waqt il-laqgħa tas-Sindki għal Youth Empowerment Centre u Youth Workers peress li min-naħa tal-Ministeru qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn isiru. Is-Sindku spjega li fiż-Żejtun kellna Youth Empowerment Centre li tneħħa kif ukoll il-ħidma minn youth worker madwar 4 snin ilu li dan twaqqaf ħesrem min-naħa tal-istess Ministeru. | Fenech |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. | 10. 24 | Sindku: Solar Pelican Lights | **Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar offerta għal sett ta' solar pelican lights għall-prezz ta' €800. Il-Kunsill laqa' din l-offerta u għaldaqstant ser jinqalgħu it-traffic lights ta' Triq is-Suq biex minflokom isiru par solar pelican lights filwaqt li dawk li ser jinqalgħu jitwaħħlu fi Triq Salvu Cacciattolo.** |

Is-Sindku għalaq il-laqgha fid-8.50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv